



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Settembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0298(COD)

12863/22
ADD 3

SOC 521
EMPL 367
SAN 539
IA 146
CODEC 1391

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 312 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2022) 312 final.

Mehmuż: SWD(2022) 312 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.9.2022
SWD(2022) 312 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[...]

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**li temenda d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji
konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol**

{COM(2022) 489 final} - {SEC(2022) 342 final} - {SWD(2022) 310 final} -
{SWD(2022) 311 final}

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Fl-UE, il-kanċer okkupazzjonali huwa l-kawża ewlenija ta' mwiet relatati max-xogħol¹. Dan huwa kkawżat primarjament mill-esponiment għal sustanzi karċinoġeniċi bħall-asbestos. L-asbestos huwa sustanza karċinoġenika perikoluża ħafna u għalkemm ma għadux [jintuża b'mod ġenerali fl-UE](#), għadu preżenti f'ħafna bini antik. L-esponiment għall-asbestos jista' jwassal, pereżempju, għal mesotelioma² u għal kanċer tal-pulmun, filwaqt li l-intervall bejn l-esponiment għall-asbestos u l-ewwel sinjali tal-marda saħansitra jista' jkun ta' 30 sena. Mill-każijiet kollha ta' kanċer rikonoxxuti bħala kanċer okkupazzjonali fl-Istati Membri, 78 % huma relatati mal-asbestos³.

Ir-riskju tal-esponiment huwa relatat l-aktar mat-trattament tal-asbestos u t-tixrid tal-fibri tal-asbestos waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, pereżempju matul ir-rinnovazzjoni u d-demolizzjoni. Il-pass tat-tneħħija tal-asbestos jista' jvarja bejn il-pajjiżi skont l-età tal-istokk tal-bini u l-istrateġiji għall-indirizzar tal-asbestos, iżda l-ħtieġa dejjem akbar li tiżdied l-effiċjenza enerġetika tfisser li l-ħaddiema fl-Istati Membri kollha qed jiġu affettwati dejjem aktar. Din il-ħtieġa tirrifletti l-ambizzjoni tal-UE stabbilita fil-Patt Ekoloġiku Ewropew li ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050⁴. Għalhekk, l-esponiment tal-ħaddiema għall-asbestos mistenni li jiżdied fil-pajjiżi kollha tal-UE hekk kif l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Mewġa ta' Rinnovazzjoni⁵ timxi 'l quddiem. Huwa stmat li bejn 4,1 u 7,3 miljun ħaddiem huma esposti għall-asbestos, li 97 % minnhom jaħdmu fis-settur tal-kostruzzjoni.

Fl-UE, il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esponiment għall-asbestos hija rregolata mid-Direttiva 2009/148/KE (id-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol). L-aktar evalwazzjoni fil-fond riċenti tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol⁶ ikkonkludiet li d-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol għadha rilevanti u effettiva ħafna. L-istudju li jappoġġa din l-evalwazzjoni⁷ kkonkluda li hemm evidenza biex jiġi appoġġat it-tnaqqis tal-valur tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol, sabiex tiżdied ir-rilevanza u l-effettività tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol. Ir-reviżjoni tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol hija appoġġata wkoll mill-aħħar valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar

¹ B'seħem ta' 52 %, il-kanċer okkupazzjonali huwa l-ewwel kawża ta' mwiet relatati max-xogħol fl-UE, qabel il-mard ċirkolatorju (24 %), il-korrimenti (2 %) u l-kawżi l-oħra kollha (22 %) (*data* tal-2017, li għalhekk tkopri l-UE u r-Renju Unit (<https://visualisation.osha.europa.eu/osh-costs#!/>)).

² Il-mesotelioma hija tip ta' kanċer li jiżviluppa mis-saff irqiq ta' tessut li jkopri ħafna mill-organi interni (magħruf bħala mesoteliu).

³ <https://ec.europa.eu/eurostat/web/experimental-statistics/european-occupational-diseases-statistics>

⁴ https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet taġġna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja* (COM(2020)662 final).

⁶ Evalwazzjoni *ex post* tal-2017 tad-Direttivi tal-UE dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali ([SWD\(2017\) 10 final](#)).

⁷ *Evaluation of the Practical Implementation of the EU Occupational Safety and Health (OSH) Directives in EU Member States*.

is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali (OSH), li tkopri l-perjodu mill-2013 sal-2017⁸. Barra minn hekk, f'Novembru 2021, il-Kumitat tripartitiku ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH) qabel b'mod unanimu dwar il-ħtieġa li jitnaqqas il-limitu attwali ta' esponiment fuq ix-xogħol.

Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni fil-livell tal-UE u meta jitqiesu biss dawk l-impjegi fejn bħalissa jseħħ esponiment għall-asbestos, matul l-40 sena li ġejjin fl-UE se jseħħu madwar 884 każ ta' kanċer attribwibbli għall-esponiment fuq ix-xogħol għall-asbestos⁹. Huwa previst ukoll li 707 ħaddiema se jmutu mill-kanċer attribwibbli għall-esponiment fuq ix-xogħol għall-asbestos matul l-istess perjodu. Dawn il-każijiet stmati tal-kanċer se jirriżultaw f'kostijiet tas-saħħa ta' bejn EUR 228 miljun u EUR 438 miljun.

Numru ta' ħaddiema spostati	Effetti fuq is-saħħa kkawżati	Numru ta' każijiet mistennija (2021-2061)	Numru ta' mwiet mistennija (2021-2061)	Kostijiet tas-saħħa stmati (valur preżenti nett)
4 100 000- 7 300 000	Kanċer tal-pulmun Mesoteljoma Kanċer tal-larinġi Kanċer tal-ovarji	884	707	EUR 228 miljun- EUR 438 miljun

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-oġġettiv ġenerali ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li tkompli ssaħħaħ id-dritt tal-ħaddiema għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom fuq il-post tax-xogħol u li tipprevjeni l-mard u l-mewt ikkawżati minn kanċer relatat max-xogħol.

Sabiex jiġi appoġġat dan l-oġġettiv ġenerali, din l-inizjattiva se ssegwi l-oġġettivi speċifiċi:

- li l-valur tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol skont id-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol isir aktar effettiv billi jiġi aġġornat abbażi ta' għarfien espert xjentifiku; u
- li tinkiseb protezzjoni aktar uniformi u aħjar tal-ħaddiema fl-UE kollha kontra l-asbestos.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

L-aġġornament tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol biex titqies l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli huwa mod effettiv ħalli jiġi żgurat li l-miżuri preventivi jiġu aġġornati kif xieraq fl-Istati Membri kollha.

Ir-reviżjoni tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol skont id-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol mhux se telimina kompletament id-differenzi bejn l-Istati Membri, iżda se twassal għal armonizzazzjoni akbar tal-valuri ta' limitu fl-UE. Għalhekk, limitu rivedut tal-UE ta'

⁸ Staff working document accompanying the EU strategic framework on health and safety at work for 2021-2027 (SWD(2021) 148 final).

⁹ Inklużi l-mesoteljoma u l-kanċer tal-pulmun, tal-larinġi u tal-ovarji.

esponiment fuq ix-xogħol jgħin biex tinkiseb protezzjoni aktar armonizzata u aħjar tal-ħaddiema, u biex il-kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fl-UE jsiru ugwali. Il-kumpaniji li lesti joperaw f'diversi Stati Membri jistgħu jibbenefikaw ukoll minn valuri ta' limitu applikabbli simplifikati. Dan jista' jirriżulta f'iffrankar, peress li jistgħu jiġu adottati soluzzjonijiet komuni fil-faċilitajiet kollha, għall-kuntrarju tal-ħtieġa li jitfasslu soluzzjonijiet speċifiċi għas-sit biex jiġu ssodisfati diversi rekwiżiti tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol f'diversi Stati Membri.

Azzjoni fil-livell tal-UE x'aktarx li twassal għal kundizzjonijiet aktar ġusti għall-ħaddiema u għal kostijiet aktar baxxi tal-kura tas-saħħa li huma distribwiti b'mod aktar ġust fl-Istati Membri.

Ir-reviżjoni tal-limitu tal-UE ta' esponiment fuq ix-xogħol telimina l-ħtieġa li l-Istati Membri jwettqu l-analiżi xjentifika tagħhom stess, b'iffrankar sostanzjali probabbli fuq il-kostijiet amministrattivi. L-emendar tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol jista' jsir biss b'azzjoni fil-livell tal-UE.

B. Għażliet ta' politika

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Kemm ir-reviżjoni tal-linji gwida attwali kif ukoll l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ġew imwarrba peress li dawn l-għażliet tqiesu inqas effettivi biex jintlaħqu l-oġettivi ta' din l-inizjattiva.

Ir-reviżjoni tal-limitu tal-UE ta' esponiment fuq ix-xogħol skont id-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol intgħażlet bħala l-aktar approċċ xieraq. Ġew ivvalutati diversi xenarji tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol filwaqt li tqiesu l-valutazzjoni xjentifika tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi¹⁰, l-opinjoni tal-Kumitat tripartitiku ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol¹¹, u l-limiti ta' esponiment fuq ix-xogħol fis-seħħ fl-Istati Membri. L-evalwazzjoni xjentifika tipprovdi bażi ta' evidenza soda, filwaqt li l-opinjoni tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, li tqis ukoll fatturi soċjoekonomiċi u ta' fattibbiltà, tipprovdi informazzjoni importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol.

Abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, intgħażel limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol ta' 0,01 fibri/cm³ bħala l-għażla ppreferuta peress li jirrappreżenta l-aħjar xenarju f'termini ta' effettività, effiċjenza u koerenza.

¹⁰ [*Opinion on scientific evaluation of occupational exposure limits for Asbestos.*](#)

¹¹ [*ACSH, Opinion on an EU Binding Occupational Exposure Limit Value \(BOEL\) for Asbestos under the Asbestos at Work Directive 2009/148/EC \(Dok 008-21\), adottat fl-24.11.2021.*](#)

L-għażla li jiġu riveduti dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol kif mitlub mill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tqieset iżda ma ntgħażlitx. Id-diskussjonijiet mal-Kumitat tripartitiku ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, l-analiżi xjentifika u l-konsultazzjoni f'żewġ stadji tas-sħab soċjali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ffukaw fuq l-aġġornament tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol bħala kwistjoni ta' urġenza, aktar milli r-rieżami tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol b'mod aktar komprensiv, abbażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni *ex post* tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol¹². Dan ma għandu l-ebda effett fuq l-eżitu tal-valutazzjonijiet futuri u fuq ir-reviżjonijiet possibbli ta' dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol. Madankollu, ta' min jinnota li l-Istati Membri jistgħu jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet minimi tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol u li huma responsabbli għall-implimentazzjoni u għall-infurzar speċifiċi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol. Skont il-każ, it-talbiet speċifiċi tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u tal-Parlament Ewropew se jiġu indirizzati f'linji gwida apposta. Dawn il-linji gwida jkunu disponibbli mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol riveduta, biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tagħha.

¹² SWD(2017)10 final, 10.1.2017.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Bħala parti mill-konsultazzjoni formali f'żewġ stadji tas-sħab soċjali, kemm l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi kif ukoll it-trade unions appoġġaw it-tnaqqis tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol skont id-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol.

Il-Grupp ta' Interess tal-Impjegaturi u l-Grupp ta' Interess tal-Gvern tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jappoġġaw limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol ugwali għal $0,01 \text{ fibri/cm}^3$, filwaqt li l-Grupp ta' Interess tal-Ħaddiema huwa favur l-adozzjoni ta' limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol ugwali għal $0,001 \text{ fibri/cm}^3$.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

Bis-saħħa ta' din l-inizjattiva, matul l-40 sena li ġejjin jistgħu jiġu evitati 663 każ ta' kanċer (kanċer tal-pulmun, mesoteljoma, kanċer tal-larinġi u kanċer tal-ovarji). Dan se jnaqqas it-tbatija tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom, u se jżid it-tul, il-kwalità u l-produttività ta' ħajjithom, fost affarijiet oħra. F'termini ekonomiċi, dan il-benefiċċju għas-saħħa jissarraf f'bejn EUR 166 miljun u EUR 323 miljun.

Il-ħidma biex it-tneħħija tal-asbestos issir aktar sikura se żżid l-attraenza tas-settur. Bħala riżultat ta' tali titjib fl-immaġni pubblika tagħhom, il-kumpaniji jistgħu jsibuha aktar faċli li jirreklutaw u li jżommu l-persunal, inaqqsu l-kost tar-reklutaġġ u jżidu l-produttività tal-ħaddiema.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?

L-azzjoni biex jiġu aġġustati l-prattiki ta' ħidma għall-konformità mal-limitu l-ġdid ta' esponiment fuq ix-xogħol tirriżulta f'żieda fil-kostijiet għall-kumpaniji. Dawn jinkludu prinċipalment il-kostijiet ta' miżuri addizzjonali tal-ġestjoni tar-riskju, ta' notifika, ta' sorveljanza medika, ta' monitoraġġ u ta' taħriġ. Madankollu, il-kostijiet medji għal kull kumpanija matul l-40 sena li ġejjin ikunu anqas minn EUR 15 000. Dawn il-kostijiet, fil-biċċa l-kbira, x'aktarx li jiġu mgħoddija lill-klijenti.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Kumpaniji żgħar, li jammontaw għal aktar minn 99 % tal-kumpaniji li jaħdmu bl-asbestos fis-setturi kollha, x'aktarx se jkunu kkonċernati aktar mil-limitu mnaqqas ta' esponiment fuq ix-xogħol. Il-kostijiet jista' jkollhom impatt żgħir (proporzjon tal-kost/fatturat bejn 2 u 4 %) fis-setturi tat-tiswija tat-tagħmir elettriku, tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-bastimenti u tad-dgħajjes, u tal-manutenzjoni u tat-tiswija tal-vetturi bil-mutur (jiġifieri 0,02 % tal-kumpaniji kollha li jittrattaw l-asbestos). Bl-eċċezzjoni tal-SMEs f'dawn is-setturi, il-maġġoranza l-kbira tal-SMEs mhux se jiġu affettwati miż-żidiet meħtieġa fil-kostijiet.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jġarrbu kostijiet amministrattivi u tal-infurzar addizzjonali. Madankollu, dawn il-kostijiet mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti (madwar EUR 390 000 għal kull pajjiż fis-sena). L-għażla magħżula għandha tgħin ukoll biex jiġi mmitigat it-telf finanzjarju tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri billi tipprevjeni l-mard. Il-benefiċċji stmati għall-awtoritajiet pubbliċi (EUR 3,4 miljun fuq 40 sena) huma iżgħar mill-kostijiet ikkwantifikati (bejn EUR 421 miljun fuq 40 sena).

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-għażla ppreferuta se jkollha wkoll impatt pożittiv fuq id-drittijiet fundamentali, speċjalment fir-rigward tal-Artikolu 2 (id-Dritt għall-ħajja) u tal-Artikolu 31 (Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, din se tgħin biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) dwar saħħa tajba u benesseri ([SDG 3](#)) u xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku ([SDG 8](#)). Huwa mistenni wkoll li jkollha impatt pożittiv fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fuq l-industrija, l-innovazzjoni u l-infrastruttura ([SDG 9](#)) u fuq il-produzzjoni u l-konsum responsabbli ([SDG 12](#)).

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

L-effettività tar-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol titkejjel bħala parti mill-evalwazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali skont l-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE.